# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, l-4 ta' Dicembru, 2023

Avviz tat-Talba numru: 206/2022 CL

**Elmo Insurance Limited (C3500)**

**VERSUS**

**Josephine Sant (KI nru: 112357M)**

**u**

**Charles Sammut (KI nru 179478M)**

Ra t-talba li giet pprezentat ftl-12 ta' Lulju 2022, fejn is-socjeta rikorrenti Elmo Insurance Limited talbet is-somma komplessiva ta' elfejn mitejn sebgha u erbghin euro, hamsa u disghin centezmu (€2,247.95) li tirraprezenta l-ammont li sborsat favur r-rikorrenti fil-kawza fl-ismijiet Mapfre Middlsea plc et vs Charles Sammut et deciza mic-centru tal-Arbitragg fl-20 ta' Settembru 2021 in linea ta' dannni, imghax, spejjez legali, gudizzjarji u vat, kif kienet kostretta u obbligata taghmel a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta fil-vesti taghha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ABM835. Fl-14 ta' Dicembru 2018, l-vettura propjeta' ta' Josephine Sant, waqt illi kienet misjuqa mill-intimat Charles Sammut u assikurata mis-socjeta' rikorrenti Elmo Insurance Ltd, kienet involuta f'incident ma' vettura ta' terzi fi Triq l-Annunzjata, Hal-Tarxien. L-intimata ma' rregistrawx il-*claim* wara dan l-incident skond il-polza ta' assikurazzjoni, izda s-socjeta attrici kellha thallas lit-terz la darba kienu sodisfatti d-dispozzizjonijiet tal-kapitolu 104. Illi permezz tal-ittra ufficjali datata 4 ta' Gunju 2020 is-socjeta attrici wissiet lil-intimati bil-konsegwenzi kollha li kienu ser jgarrbu fil-konfront taghha fil-kaz illi li l-proceduri istitwiti kontra l-intimat Charles Sammut jigu decizi kontrih u permezz ta' ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12, tal-Ligijiet ta' Malta s-socjeta rikorrenti interpellat lill-intimati sabiex jhallsu s-somma ta' €2,247.95. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Gunju 2020 u tal-ittra ufficjali bil-procedura tal 166A datata 19 ta' Novembru 2021 u

bl-imghax legali b'effett mid-19 ta' Novembru 2021 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Fil-kaz prezenti, l-konvenuti gew debitament notifikata bl-atti processwali bil-procedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni. Minkejja tali notifika, il-konvenuti la resqu risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehru huma jew xi rapprezentant legali taghhom ghas-seduta li kienet tmiss wara tali notifika u ghalhekk il-konvenuti, kienu fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif gie iddikjarat fil-verball fl-udjenza tat-5 ta' Gunju, 2023. Fl-istess udjenza, gie ipprezentant kapitolu fil-konfront tal-konvenuti. Fis- seduta ta' wara, li kienet fit-3 ta' Lulju 2023, ma deher hadd ghal-konvenuta.

Ikkunsidra;

Ra l-atti processwali kollha u d-dokumenti ipprezentati.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti. Fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2023, it-Tribunal sema' x-xhieda ta' Carmen Scicluna li hija deputat registratur tal-Qorti, u li mir-ricerka li ghamlet ma jirrizultax illi kien hemm appell mis-sentenza tac-centru tal-Arbitragg numru 6173/2021 u ipprezentat dokument Dok CS1. Sema' x-xhieda ta' Fiona Galea Farrugia ghal Centru tal-Arbitragg li ipprezentat kopja tas-sentenza 6173/2021 u tat-taxxa relattiva immarkat Dok FG1 u FG2. Xehed Miguel Grixti ghal LESA, li ipprezenta kopja tar-rapport mmarkat Dok MG1 u George Stagno Navarro li huwa rapprezentant legali tal-Elmo Insurance Ltd, li ipprezenta kopja tal-polza tal vettura Citroen bin-numru ta' registrazzjoni ABM835 f'isem Josephine Sant li kienet assigurata bhala third party Dok GSM1. Huma kienu gew innotifikati minn Mapfre fl-4 ta' Marzu 2020 li kien hemm incident u l-assikurat taghhom kien responsabbli, izda stante li ma kellhomx claim ma halsux. Il-kaz mar ghal arbitragg u skond is-sentenza Elmo kellha taghmel tajjeb ghal hsarat u fil-fatt halset €2247.95 Huma kienu kitbu ittra ufficjali lil Charles Sammut u lil Josephine Sant fil-19 ta' Novembru 2021 Dok GSM3 u ghalkemm kienu talbu li-kopja tal-licenzja tas-sewqan ta' Charles Sammut li kien qieghed jsuq il-vettura waqt l-incident, dan baqa' ma inghatax u ghalhekkk jigi *breach of policy contract* apparti li kien hemm *breach* ukoll ghax ma sarx *claim*.

It-Tribunal ra d-dokumenti u sema' x-xhieda, ra illi l-konvenuti naqsu milli tirregistra dehera biex twiegeb ghal tali kapitolu, fid- dawl ta' tali omissjoni, kif ukoll tall-provi li tresqu l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lil-konvenuti flimkien *in solidum* sabiex jhalsu is-somma ta' elfejn mitejn sebgha u erbghin euro, hamsa u disghin centezmu (€2,247.95) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mid-19 ta' Novembru 2021, sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri jithalsu mill-konvenuti solidament bejniethom.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**